

Brussell, 4 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7075/19

PUBLIC 10
INF 39

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - NOVEMBRU 2018

Dan id-dokument jelenka l-atti¹ adottati mill-Kunsill f'Novembru 2018^{2,3}.

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-risultati tal-votazzjoni u, fejn xieraq, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-*korsiv*).

² Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

³ Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'NOVEMBRU 2018

It-3646 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fis-6 ta' Novembru 2018

ATTI LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Viżi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (kodifikazzjoni)</i> Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa ĠU L 303, 28.11.2018, p. 39-58	50/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
<i>Regolament dwar il-Eurojust</i> Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138-183	37/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Mhux qed jipparteċipa: DK, IE, UK

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li dwar diversi punti, il-koleġislaturi ddeċidew li jiddevjaw mill-approċċ maqbul fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012, mingħajr ma taw il-ġustifikazzjoni meħtieġa. Dan jirrigwarda b'mod partikolari l-għadd ta' rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Kulleġġ/Amministrazzjoni u l-proċedura biex jinħatar u jitneħħa d-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust. Il-Kummissjoni ser tivvaluta l-impatt ta' dawn id-devjazzjonijiet fuq il-funzjonament tal-Aġenzija f'opportunità xierqa. Dawn m'għandhomx jiġu meqjusa bħala preċedent għal aġenziji oħra.

<i>Regolament dwar l-Iffriżar u l-Konfiska</i> Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar ir-rikonossiment reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska ĠU L 303, 28.11.2018, p. 1-38	38/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Mhux qed jipparteċipa: DK, IE
<i>Rieżami tad-Direttiva AVMS</i> Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtazjiet tas-suq li qed jinbidlu ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69-92	33/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Kontra: CZ, DK, IE, NL, FI Astensjoni: LU, UK
Dikjarazzjoni mil-Latvja Ir-Repubblika tal-Latvja tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-espressjoni legali 'veikt uzņēmējdarbību', li tintuża fil-verżjoni lingwistika bil-Latvjan tad-Direttiva fir-rigward tal-post ta' stabbiliment ta' fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva, tfisser "twettiq ta' attivitajiet kummerċjali". Għaldaqstant, din hija sostanzjalment differenti mit-tifsira legali tal-frażi "to be established" ("għandu jiġi stabbilit") li tintuża fil-verżjoni lingwistika bl-Ingliż tat-test u t-traduzzjonijiet fil-lingwi l-oħra. Ir-Repubblika tal-Latvja tinnota li l-użu inkonsistenti u impreċiż ta' tali terminoloġija legali fundamentali joħloq inċertezza legali, b'konsegwenzi imprevedibbli. Mhux biss ifixkel il-paralleliżmu legali bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti tad-Direttiva iżda jista' jwassal ukoll f'inċertezza u diskrepanzi legali meta d-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri. Dan jista' jirriżulta partikolarment problematiku fil-kuntest ta' servizzi transfruntiera, inkluż servizzi on demand u pjattaformi ta' video sharing. Ir-Repubblika tal-Latvja tinnota li l-frażi "to be established" tintuża f'kuntest analogu fl-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fejn hija tradotta għal-Latvjan bħala 'izveidot'. Għalkemm it-terminu 'izveidot' joqrob aktar lejn it-tifsira ta' stabbiliment ta' kumpanija, nixtiequ nipproponu l-użu tat-terminu 'dibināt' ("li twaqqaf jew tistabbilixxi") li huwa traduzzjoni aktar preċiża u jevita l-interpretazzjoni skorretta jew l-inċertezza legali. Ir-Repubblika tal-Latvja biħsiebha tibda l-proċedura ta' rettifika għad-Direttiva, sabiex tiżgura użu konsistenti u korrett tat-terminoloġija.			

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Finlandja l-Irlanda u n-Netherlands

Aħna, l-Istati Membri sottoskritti nikkunsidraw l-promozzjoni tas-suq uniku diġitali bħala importanti ħafna u nirrikonoxxu l-ħtieġa tar-rieżami tal-qafas regolatorju għas-servizzi tal-media awdjoviżiva b'kont meħud tal-bidliet fis-suq, il-konsum u t-teknoloġija.

Il-protezzjoni tal-minorenni minn kontenut ta' ħsara u l-protezzjoni taċ-ċittadini kollha kontra l-mibegħda huma fihom infushom għan leġittimu. Madankollu, kif iddikjarat b'mod konsistenti matul in-negozjati, id-Direttiva AVMS mhijiex il-kuntest it-tajjeb biex jiġu rregolati l-pjattaformi ta' video-sharing billi l-bqija tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva jkopri biss servizzi tal-media AV fejn il-fornitur tas-servizz ikollu r-responsabbiltà editorjali għall-kontenut tal-programm. Ir-regolamentazzjoni proposta tal-pjattaformi ta' video-sharing hija diffiċli li tiġi kkontrollata u tista' twassal għal effetti sekondarji mhux mixtieqa u piż amministrattiv sproporzjonat. Minflok regolamentazzjoni żejda tal-pjattaformi ta' video-sharing, għandu jkun hemm enfasi qawwija fuq il-promozzjoni tal-litteriżmu fil-media kritiku u l-edukazzjoni dwar il-media fl-Istati Membri.

Aħna nqisu li dan in-nuqqas ta' ċarezza aggravat minn nuqqas ta' valutazzjonijiet tal-impatt u bażi ta' evidenza robusta, jistgħu jimminaw iċ-ċertezza legali meħtieġa għar-regolaturi u l-industrija biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet b'mod ċar, konsistenti u effettiv u biex l-industrija tinnova. Jista' wkoll jhedded il-kapaċità taċ-ċittadini Ewropej li jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni tagħhom.

Għar-raġunijiet iddikjarati hawn u waqt in-negozjati dwar din il-proposta, ser nivvutaw kontra d-direttiva meta tasal għall-adozzjoni bħala punt "I" fil-Coreper tal-24.10.2018 u bħala punt "A" fil-Kunsill tas-6.11.2018 (PE-CONS 33/18). Il-Finlandja, l-Irlanda u n-Netherlands jitolbu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill biex jinkludi din id-dikjarazzjoni fil-minuti rispettivi ta' dawn iż-żewġ laqgħat.

<i>Direttiva dwar l-estensjoni tal-perijodu ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fakultattiv u tal-mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida (VAT)</i> Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/1695 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-perijodu ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fakultattiv fir-rigward ta' provvisti ta' ċerti merkanzija u servizzi suxxettibbli għall-frodi u tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kontra l-frodi tal-VAT ĠU L 282, 12.11.2018, p. 5-7	12033/18	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
<i>Direttiva dwar ir-rati tal-VAT fuq il-pubblikazzjonijiet elettroniċi</i> Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/1713 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud li japplikaw għall-kotba, għall-gazzetti u għall-perjodiċi ĠU L 286, 14.11.2018, p. 20-21	12657/18	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-awdituri esterni tal-Lietuvos bankas</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1664 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas ĠU L 278, 8.11.2018, p. 22-22	13067/18
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar deroga mill-VAT għas-Slovenja rigward it-tkomplija tal-eżenzjoni mill-VAT ta' persuni taxxabbli li d-dħul annwali tagħhom mhux oġhla minn EUR 50 000</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1700 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/54/UE li tawtorizza lir-Repubblika tas-Slovenja biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 285, 13.11.2018, p. 78-79	12984/18
<i>Konklużjonijiet dwar ir-RS Nru 13/2018 tal-QEA dwar il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu: il-Kummissjoni indirizzat il-ħtiġijiet tal-Istati Membri, iżda hemm xi nuqqasijiet fil-koordinazzjoni u l-evalwazzjoni"	13901/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - ġestjoni mill-Kroazja tal-fruntiera esterna</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Kroazja bl-għan li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna (żjara ġdida)	13902/18
<i>Miżuri restrittivi fir-rigward tal-Venezwela - reviżjoni - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1656 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ĠU L 276, 7.11.2018, p. 10-11	13014/18

<i>Miżuri restrittivi fir-rigward tal-Venezwela - reviżjoni - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1653 tas-6 ta' Novembru 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ĠU L 276, 7.11.2018, p. 1-2	13016/18
<i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - traspożizzjoni ta' miżuri tan-NU - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1657 tas-6 ta' Novembru 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 276, 7.11.2018, p. 12-18	13089/18
<i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - traspożizzjoni ta' miżuri tan-NU - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1654 tas-6 ta' Novembru 2018 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 276, 7.11.2018, p. 3-8	13092/18
<i>Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża - baġit għall-2019 - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1655 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2382 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) ĠU L 276, 7.11.2018, p. 9-9	12652/18
<i>Krediti għall-Esportazzjoni - Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE rigward it-trasport bil-ferrovija fil-Laqgħa tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-deċiżjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-140 sessjoni tal-Laqgħa tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness V tal-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati	11447/18

<i>Krediti għall-Esportazzjoni - Deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-pożizzjoni tal-UE dwar it-Turkija fil-Laqgħa tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Laqgħa tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati	11957/18
Dikjarazzjoni mir-Repubblika ta' Ċipru Ċipru mhux f'pożizzjoni li japprova l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-talba mit-Turkija biex issir Parteċipant fl-Arranġament [tal-OECD] dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati għal dawn ir-raġunijiet: Il-qafas ta' negozjar għan-negozjati tal-adeżjoni tat-Turkija, li ġie adottat b'mod unanimu mill-Kunsill f'Ottubru 2005, jeħtieġ li t-Turkija inter alia 'tallinja b'mod progressiv il-politiki tagħha lejn il-pajjiżi terzi u l-pożizzjonijiet tagħha fl-organizzazzjonijiet internazzjonali (inkluż fir-rigward tas-sħubija mill-Istati Membri kollha tal-UE ta' dawk l-organizzazzjonijiet u l-arranġamenti) mal-politiki u l-pożizzjonijiet adottati mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha." Bi ksur ċar ta' dan l-obbligu, it-Turkija kienet qed issegwi politika sistematika ta' veto tas-sħubija ta' Ċipru f'diversi organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Speċifikament, it-Turkija ilha mill-1995 tuża kontinwament il-veto għall-applikazzjoni ta' Ċipru għal sħubija fl-OECD. Minkejja appelli ripetuti mill-UE, il-pożizzjoni tat-Turkija tkompli teskludi Stat Membru tal-UE għal raġunijiet politiċi u toħloq ostakli għall-funzjonament tajjeb tal-OECD. Barra minn hekk, kemm il-Qafas ta' Negozjar kif ukoll is-Sħubija għall-Adeżjoni riveduta tal-UE ta' Frar 2008 mat-Turkija, jappellaw lil din tal-aħħar biex timplimenta b'mod sħiħ u mhux diskriminatorju l-Protokoll Addizzjonali għall-Unjoni Doganali, kif ukoll biex tippoċedi bin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Istati Membri kollha tal-UE, inkluż ir-Repubblika ta' Ċipru. Huwa mfakkar li l-obbligu tat-Turkija li tagħraf l-Istati Membri kollha tal-UE, inkluż ir-Repubblika ta' Ċipru, huwa komponent meħtieġ għall-proċess tal-adeżjoni tagħha, kif stipulat fid-Dikjarazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005. Minkejja l-obbligi ċari deskritti hawn fuq u l-appelli ripetuti mill-UE għal dan il-għan, it-Turkija tkompli toġġezzjona għas-sħubija ta' Ċipru fl-organizzazzjonijiet internazzjonali inkluż l-OECD, tirrifjuta li timplimenta l-Protokoll Addizzjonali għar-Repubblika ta' Ċipru u ma ħaditx passi lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika. Għal dawn ir-raġunijiet u b'kont meħud tal-ksur ċar u persistenti tat-Turkija tal-obbligi tagħha lejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika ta' Ċipru m'għandhiex għażla ħlief li tivvota kontra l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.	

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Qafas UE-Awstralja fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1714 tas-6 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Awstralja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tas-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma tiegħu ĠU L 286, 14.11.2018, p. 22-29	12606/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni rigward l-abbozz tal-Istandards CESNI dwar il-kwalifiki professjonali</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1663 tas-6 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards għan-navigazzjoni interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni tar-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards Ewropej għall-kwalifiki professjonali fil-qasam tan-navigazzjoni interna ĠU L 278, 8.11.2018, p. 20-21	12437/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni rigward l-abbozz tal-Istandards CESNI dwar ir-rekwiżiti tekniċi</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1697 tas-6 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fil-qasam tan-navigazzjoni interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni tar-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni ĠU L 282, 12.11.2018, p. 13-14	13285/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE dwar l-UNECE (Novembru 2018)</i> DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/233 tas-6 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU Nri 3, 4, 6, 7, 11, 14, 16, 17, 19, 23, 24, 27, 29, 34, 37, 38, 43, 44, 46, 48, 50, 53, 60, 67, 69, 70, 74, 77, 83, 86, 87, 91, 94, 95, 98, 99, 100, 101, 104, 105, 110, 112, 113, 119, 121, 123, 128, 129, 132 u 137 u tar-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 9, kif ukoll fir-rigward tal-proposti għal tliet Regolamenti ġodda tan-NU ĠU L 37, 8.2.2019, p. 120-126	13073/18

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-Unjoni fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (l-Urugwaj, 23 ta' Novembru 2018)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' ċerti riżoluzzjonijiet li ser jittieħed vot fuqhom fis-16-il Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (l-OIV), li ser ssir f'Punta del Este (l-Urugwaj), fit-23 ta' Novembru 2018		13163/18	
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mar-Renju tal-Marokk dwar is-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)		6534/18	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE		13865/18	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għall-COP24		13864/18	
It-3647 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin/Kummerċ) li saret fi Brussell fid-9 ta' Novembru 2018			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Rilokazzjoni tal-EBA</i> Regolament (UE) 2018/1717 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 291, 16.11.2018, p. 1-2	39/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: UK

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

Filwaqt li jfakkar fl-impenn tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni lejn kooperazzjoni sinċiera u trasparenti, u fid-dawl tal-proċess segwit għar-rilokazzjoni tal-EMA u l-EBA, li kien speċifiku għas-sitwazzjoni u ma jikkostitwixxix preċedent għas-sede ta' aġenziji fil-futur,

Filwaqt li jfakkar fit-Trattati, il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur ta' skambju ta' informazzjoni msaħħa mill-istadji inizjali ta' proċessi futuri għas-sede ta' aġenziji.

Tali skambju ta' informazzjoni bikri jagħmilha eħfef għat-tliet Istituzzjonijiet li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont it-Trattati permezz ta' proċeduri relatati.

Il-Kunsill jieħu nota tat-talba mill-Parlament Ewropew biex tiġi riveduta, mill-aktar fis possibbli, id-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni dwar Aġenziji deċentralizzati tal-2012. Bħala l-ewwel pass, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex, sa April 2019, ttiprovdi analiżi fil-fond dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni fir-rigward tas-sede ta' Aġenziji deċentralizzati. Din l-analiżi għandha sservi bħala bażi biex tiġi vvalutata t-triq 'il quddiem fl-involviment mal-proċess ta' reviżjoni bħal din.

<i>Rilokazzjoni tal-EMA</i> Regolament (UE) 2018/1718 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 291, 16.11.2018, p. 3-4	40/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Kontra: IT Astensjoni: UK
---	-------	------------------------	--

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

Filwaqt li jfakkar fl-impenn tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni lejn kooperazzjoni sinċiera u trasparenti, u fid-dawl tal-proċess segwit għar-rilokazzjoni tal-EMA u l-EBA, li kien speċifiku għas-sitwazzjoni u ma jikkostitwixxix preċedent għas-sede ta' aġenziji fil-futur,

Filwaqt li jfakkar fit-Trattati, il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur ta' skambju ta' informazzjoni msaħħa mill-istadji inizjali ta' proċessi futuri għas-sede ta' aġenziji.

Tali skambju ta' informazzjoni bikri jagħmilha eħfef għat-tliet Istituzzjonijiet li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont it-Trattati permezz ta' proċeduri relatati.

Il-Kunsill jieħu nota tat-talba mill-Parlament Ewropew biex tiġi riveduta, mill-aktar fis possibbli, id-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni dwar Aġenziji deċentralizzati tal-2012. Bħala l-ewwel pass, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex, sa April 2019, tipprovdi analiżi fil-fond dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni fir-rigward tas-sede ta' Aġenziji deċentralizzati. Din l-analiżi għandha sservi bħala bażi biex tiġi vvalutata t-triq 'il quddiem fl-involviment mal-proċess ta' reviżjoni bħal din.

Dikjarazzjoni mill-Italja

L-Italja ma tistax tappoġġa l-proposta li temenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar is-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA). Kif iddikjarat fl-azzjoni li ressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Jannar 2018 (Kawża C 59/18), il-Gvern Taljan jikkunsidra li d-deċiżjoni, adottata fil-marġini tal-laqgħa tal-20 ta' Novembru 2017 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-konfigurazzjoni "Affarijiet Ġenerali", li tintgħażel Amsterdam bħala s-sede l-ġdida tal-EMA tammonta għal użu ħażin ta' setgħat kaġun tan-nuqqas ta' investigazzjoni adegwata u distorsjoni tal-fatti, minħabba informazzjoni mhux eżatta jew qarrieqa dwar il-karatteristiċi tas-sede l-ġdida f'Amsterdam u l-iskeda ta' żmien biex il-bini l-ġdid ikun operattiv. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li r-rilokazzjoni fil-bini tas-sede l-ġdida (il-Bini Vivaldi) ser isseħħ b'effett mis-16 ta' Novembru 2019 u mhux mill-1 ta' April 2019 kif previst inizjalment fl-offerta Netherlandiża u ddikjarat fir-rapport tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, iċ-ċentru ġdid tal-konferenzi, li huwa essenzjali għall-attivitajiet ċentrali tal-Aġenzija, mhux ser jilħaq ikun lest fl-1 ta' April 2019 kif inizjalment ippjanat iżda minflok ser ikun operattiv biss fl-istess żmien tal-bini l-ġdid, jiġifieri b'effett mis-16 ta' Novembru 2019.

<i>Regolament li jemenda r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni: Aġġustament tekniku 2018 (YEI)</i> Regolament (UE) 2018/1719 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u tar-riżorsi għall-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi ĠU L 291, 16.11.2018, p. 5-7	57/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
<i>Regolament eu-LISA</i> Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99-137	29/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: UK Mhux qed jipparteċipa: DK, IE
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li dwar diversi punti, il-koleġislaturi ddeċidew li jiddevjaw mid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, mingħajr ma taw il-ġustifikazzjoni neċessarja. Dan jikkonċerna b'mod partikolari d-devjazzjonijiet mill-proċedura għall-ħatra u t-tkeċċija tad-Direttur Eżekuttiv tal-EU-LISA, li dwarhom ma nġhatat l-ebda ġustifikazzjoni u li jirriskjaw li tiġi affettwata l-awtonomija tal-Aġenzija, u għall-estensjoni awtomatika tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha wkoll għad-devjazzjoni mid-Dikjarazzjoni Konġunta fir-rigward tal-proċess għat-twetiq ta' evalwazzjoni ġenerali tal-Aġenzija, li tista' tkun mod li bih ikun hemm indħil fl-indipendenza tal-Kummissjoni meta tagħmel din l-evalwazzjoni. Bħala parti mill-attivitajiet ta' konsultazzjoni ġenerali tal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni ser tikkonsulta l-Bord ta' Tmexxija. Il-Kummissjoni ser tivvaluta l-impatt ta' daww id-devjazzjonijiet fuq il-funzjonament tal-Aġenzija fl-opportunità adatta. Dawn m'għandhomx jiġu meqjusa bħala preċedent għal aġenziji oħra.			
<i>Regolament dwar il-fluss liberu tad-data</i> Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropa (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59-68	53/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

It-3648 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fit-12 ta' Novembru 2018

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Spanja, Fruntiera Esterna</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 ta' Spanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna	13548/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Żvizzera, Fruntiera Esterna</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Iżvizzera dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna	13550/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ: il-limitu massimu għall-2020, l-ammont annwali għall-2019, l-ewwel ħlas parzjali għall-2019, tbassir indikattiv 2021-2022</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1715 tat-12 ta' Novembru 2018 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż i-limitu massimu għall-2020, l-ammont annwali għall-2019, l-ewwel ħlas parzjali għall-2019 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2021 u 2022 ĠU L 286, 14.11.2018, p. 30-32	13344/18
Dikjarazzjoni mir-Renju Unit Ir-Renju Unit għadu qed jistenna risposta għat-tħassib imqajjem fil-livell politiku f'Awwissu, inkluż permezz tal-ittra tas-Segretarju tal-Istat għall-Iżvilupp Internazzjonali lill-Kummissjoni tat-23 ta' Awwissu 2018, dwar it-trattament ta' entitajiet tar-Renju Unit fil-proċess tal-offerti ta' programmi tal-UE. Din il-kwistjoni hija ta' importanza kritika u qed ikollha konsegwenzi negattivi bla bżonn fuq il-programmazzjoni għall-iżvilupp ippjanata u li għaddejja. L-azzjonijiet tal-Kummissjoni qegħdin joħlqu r-riskju li l-benefiċjarji tal-ġajnuna tal-UE għall-iżvilupp ma jingħatawx aċċess għall-aħjar ħila esperta disponibbli permezz ta' kompetizzjoni miftuħa u ġusta, billi tiskoraġġixxi lill-organizzazzjonijiet tar-Renju Unit milli jagħmlu offerti biex jimplimentaw programmi. Aħna għandna l-obbligu li nagħtu rendikont lill-Parlament tar-Renju Unit li l-Assistenza għall-Iżvilupp Barrani tar-Renju Unit qed tintefaġ b'mod effettiv u li tipprovdi valur tajjeb skont in-nefqa, u dan japplika għas-sħab li jwasslu l-ġajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) tar-Renju Unit. Filwaqt li nistennaw l-assigurazzjonijiet mitluba mill-Kummissjoni, il-gvern tar-Renju Unit iħoss li ma jistax jivvota favur id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Kontribuzzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp.	

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE dwar il-COP2 tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1730 tat-12 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fit-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni tal-linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, apparti l-iskart tal-merkurju, imsemmija fl-Artikolu 10(2) u (3) tal-Konvenzjoni ĠU L 288, 16.11.2018, p. 7-8		13416/18	
It-3651 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fi Brussell fid-19 ta' Novembru 2018			
ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS): Regolament tas-SIS dwar ir-Ritorn Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-13	34/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Mhux qed jipparteċipa: DK, IE, UK
Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar sinerġiji bejn is-SIS u sistemi oħra ta' informazzjoni			
Il-Kunsill jikkunsidra li l-aħjar użu mid-data diġà disponibbli f'sistemi ta' informazzjoni rilevanti fil-livell Ewropew għall-finijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen jista' jiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u jnaqqas il-piż amministrattiv. Sinerġiji bejn is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u s-Sistema futura ta' Dħul/Ħruġ, pereżempju, ser jiffaċilitaw u jħaffu l-iskambju ta' informazzjoni f'każ ta' hits, b'mod partikolari, iżda mhux limitati għal, twissijiet ta' ritorn fis-SIS fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni ta' Stat Membru: mekkaniżmu ta' rappurtar tal-hits awtomatizzat bejn dawn is-sistemi jista' jkollu benefiċċji sinifikanti.			
Għaldaqstant, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tesplora malajr kemm jista' jkun is-sinerġiji bejn is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u sistemi ta' informazzjoni rilevanti oħra tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, b'mod partikolari l-Eurodac u s-Sistema futura ta' Dħul/Ħruġ, minbarra s-sinerġiji li attwalment qed jiġu diskussi fil-kuntest tal-interoperabbiltà.			

Dikjarazzjoni mill-Belġju

Il-Belġju jilqa' l-konferma tal-qbil politiku li nstab dwar it-tliet strumenti fir-rigward tas-SIS. Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tielet ġenerazzjoni ser ittejjeb il-funzjonament tas-sistema u ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sigurtà interna fl-Istati Membri.

L-għanijiet ambizzjużi u l-funzjonalitajiet ġodda tas-SIS jeħtieġ li jiġu implimentati fl-Istati Membri. Dan ser jirriżulta f'ammont konsiderevoli ta' ħidma preparatorja. B'mod speċifiku fil-każ tar-regolament tas-SIS dwar ir-ritorn, għall-Belġju dan ifisser li għandu jkun preparat li jdaħħal madwar 35.000 deċiżjoni ta' ritorn fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen kull sena. Billi din hija funzjonalità kompletament ġdida, il-Belġju kien jippreferi kieku kellu aktar żmien biex jimplimenta dan l-obbligu l-ġdid. Huwa jiddispjaċih ukoll għad-dispożizzjonijiet attwali dwar id-dħul f'operazzjonijiet, fejn il-Kummissjoni ser ikollha tistabbilixxi data wara tliet snin mid-dħul fis-seħħ tar-regolamenti, meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet sottostanti. Jekk ma jiġux sodisfatti dawk il-kundizzjonijiet fi żmien l-iskadenza ta' tliet snin, il-Kummissjoni ser teħtieġ li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda din id-dispożizzjoni. Il-Belġju jemmen li soluzzjoni aktar flessibbli għal devjazzjoni mill-bidu tal-operazzjonijiet maħsub jekk il-kundizzjonijiet ma jkunux sodisfatti fil-ħin, kien ikun preferibbli, b'kont meħud ukoll tal-esperjenzi u t-tagħlimiet meħuda mal-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistemi tal-IT preċedenti fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni (b'mod partikolari s-SIS II).

<i>Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS): Regolament tas-SIS dwar il-Verifiki fuq il-Fruntieri</i> Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14-55	35/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Mhux qed jipparteċipa: DK, IE, UK
<i>Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS): Regolament tas-SIS dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija</i> Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56-106	36/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Mhux qed jipparteċipa: DK

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE dwar il-Ftehim dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi (AETR)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1926 tad-19 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti ĠU L 313, 10.12.2018, p. 13-38	13711/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-adeżjoni tal-Gvern tas-Sirja għall-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015	13778/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Ukrajna</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra ĠU L 298, 23.11.2018, p. 11–14	13499/18
<i>Deċiżjonijiet ta' Prüm: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data tad-DNA fl-Irlanda</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1801 tad-19 ta' Novembru 2018 dwar il-varar fl-Irlanda tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA ĠU L 296, 22.11.2018, p. 31-32	11282/18

<i>Deċiżjonijiet ta' Prüm: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika fl-Irlanda</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1839 tad-19 ta' Novembru 2018 dwar it-tnedija fl-Irlanda tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika ĠU L 298, 23.11.2018, p. 15-16	11265/18
<i>Deċiżjonijiet ta' Prüm: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika fil-Kroazja</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1802 tad-19 ta' Novembru 2018 dwar it-tnedija fil-Kroazja tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika ĠU L 296, 23.11.2018, p. 33-34	11284/18
It-3652 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret fi Brussell fid-19 ta' Novembru 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Konklużjonijiet dwar il-Patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-istabbiliment ta' Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK	14305/18
<i>Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) - aġġornament tal-lista ta' proġetti - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1797 tad-19 ta' Novembru 2018 li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 li tistabbilixxi l-lista tal-proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO ĠU L 294, 21.11.2018, p. 18-22	13939/18
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Etjopja	13960/18
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan	13957/18
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan	13823/18
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pakistan	13824/18
<i>Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar illeċiti, is-SALW u l-munizzjon</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Adozzjoni ta' Strateġija tal-UE kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjon Tagħhom	13581/18

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija fit-Qasam tal-Ilma	13991/18
<i>Ġlieda kontra l-Kummerċ Illeċitu u l-Proliferazzjoni ta' Armi Żgħira u Armi Ħfief fl-Istati Membri tal-Lega tal-Istati Għarab - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1789 tad-19 ta' Novembru 2018 b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu u l-proliferazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-Istati Membri tal-Lega tal-Istati Għarab ĠU L 293, 20.11.2018, p. 24-31	13273/18
<i>Appoġġ tas-SEESAC għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi illegali fil-Balkani tal-Punent - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1788 tad-19 ta' Novembru 2018 b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent ĠU L 293, 20.11.2018, p. 11-23	12975/18
<i>EUTM Somalia - emenda u estensjoni - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1787 tad-19 ta' Novembru 2018 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja ĠU L 293, 20.11.2018, p. 9-10	12148/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni tal-Ftehim EURATOM/KEDO</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)	13261/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni tal-Ftehim EURATOM/KEDO (retroattività)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)	13263/18
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE	13978/18

It-3653 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport), li saret fi Brussell fis-26 u s-27 ta' Novembru 2018

ATTI LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Regolament dwar l-ġhalf medikat</i> Regolament (UE) 2019/4 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ġhalf medikat, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 4, 7.1.2019, p. 1-23	43/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

Bil-ħsieb tal-oġġettiv tar-Regolament, li huwa li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-Awstrija tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-punti li ġejjin:

Għandu jkun possibbli li jintużaw prodotti mediċinali veterinarji permezz tal-ġhalf biss meta jkun hemm hteġa speċifika (jiġifieri f'każ ta' mard).

Fl-interessi tas-sussidjarjetà f'konformità mar-Regolament il-ġdid dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ġhalf medikat, għandu jkun possibbli li jinżammu sistemi ta' kontroll nazzjonali stabbiliti għall-użu ta' ġhalf medikat direttament fuq l-azjenda agrikola, kif qed jiġi pprattikat bħalissa fl-Awstrija minn miksers fl-azjenda reġistrati.

Sabiex jittieħed kont tal-ħtiġijiet speċjali tal-agrikoltura fuq skala żgħira, primarjament li tinvolvi azjendi agrikoli tal-familja, ir-rekwiżiti għall-manifattura ta' ġhalf medikat għandhom jiġu implimentati b'tali mod li jkun fattibbli u prattiku għal miksers fl-azjenda. Il-manifattura u l-amministrazzjoni ta' ġhalf medikat minn bdiewa mħarrġa taħt is-superviżjoni ta' veterinarju jikkostitwixxu prattika stabbilita sew fl-Awstrija li tnaqqas bosta riskji, peress li l-prodotti mediċinali jintużaw fil-post u fil-kwantità li fihom ikunu assolutament meħtieġa.

<i>Regolament dwar prodotti mediċinali veterinarji</i> Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43-167	45/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: CZ
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ir-Regolament il-ġdid tal-UE dwar prodotti mediċinali veterinarji jesiġi li l-Istati Membri jgħbru u jirrappurtaw data dwar il-bejgħ u l-użu ta' antimikrobiċi użati fl-annimali. Il-Kummissjoni tqis din l-informazzjoni essenzjali biex tidentifika l-fatturi ta' riskju possibbli għall-iżvilupp u għall-firxa tar-reżistenza antimikrobika, biex timmonitorja x-xejriet tal-konsum tal-antimikrobiċi, biex timmira miżuri ta' politika rilevanti u biex tivvaluta l-implimentazzjoni tagħhom. Għalkemm l-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit legali hija prevista permezz ta' approċċ gradwali (fi stadji), jista' jkun meħtieġ kontribut sostanzjali f'termini ta' riżorsi amministrattivi, umani u finanzjarji. Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew ta' "Saħħa Waħda" kontra r-reżistenza antimikrobika jirrikonoxxi li sabiex jinkisbu riżultati dejjiema u jinħoloq l-impetu meħtieġ, huwa importanti li l-leġislazzjoni tal-UE relatata mar-reżistenza antimikrobika (inkluż, fost l-oħrajn, dwar l-użu ta' mediċini veterinarji) tiġi implimentata b'mod xieraq. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni impenjat ruħha f'dak il-Pjan ta' Azzjoni biex tinvolvi ruħha fl-appoġġ għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE, inkluż billi tipprovdi appoġġ tekniku permezz tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali (SRSS) għat-tfassil u għall-implimentazzjoni ta' politiki kontra r-reżistenza antimikrobika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser tesplora l-possibbiltajiet għall-appoġġ ta' dan il-ġbir ta' data fl-Istati Membri skont il-proposti tagħha magħmula fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur tal-UE.			

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Ir-Repubblika Ċeka tista' taqbel li l-aġġornament tad-Direttiva eżistenti 2001/82/KE ikun ta' benefiċċju fil-każ ta' aderenza sħiħa u raġonevoli għall-oġġettivi u l-prinċipji kif iddikjarat mill-Kummissjoni Ewropea qabel ma jibdew in-negozjati tal-abbozz ta' regolament dwar il-prodotti mediċinali veterinarji.

Ir-Repubblika Ċeka tappoġġa wkoll bis-saħħa l-oġġettiv li jiġu limitati r-riskji relatati mar-reżistenza antimikrobika. Madankollu, in-nuqqas tal-leġislazzjoni l-ġdida milli tinforza l-konformità mal-istandards tal-UE, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-kondizzjonijiet ristretti għall-użu ta' antimikrobiċi, minn pajjiżi terzi, idgħajef b'mod sinifikanti l-messaġġ politiku tal-UE fir-rigward ta' impenji għall-ġlieda kontra r-reżistenza antimikrobika u fl-istess ħin, jimpedixxi lill-produtturi tal-UE milli jkunu kompetittivi mal-kontropartijiet tagħhom tal-pajjiżi terzi. Barra minn hekk, l-ispazju mitlub għall-flessibbiltà għall-Istati Membri biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' alternattivi xierqa għall-antimikrobiċi b'mod partikolari fis-swieq żgħar, u r-riskji relatati mad-disponibbiltà futura ta' prodotti mediċinali veterinarji ta' legat antik, jippreżentaw kwistjonijiet ewlenin oħrajn relatati mar-regolament il-ġdid.

Il-proposta skont l-opinjoni tar-Repubblika Ċeka ser iżżid il-piż finanzjarju amministrattiv u assoċjat kemm għall-baġits pubbliċi kif ukoll għall-intrapriżi privati. Qed isir evidenti li l-implimentazzjoni tar-regolament ser tkun tiswa ħafna iktar milli kien mistenni oriġinarjament. Dan ir-regolament il-ġdid ser inaqqas ukoll il-flessibbiltà u - bħala konsegwenza - l-innovazzjoni, li jista' jwassal għal nuqqas ta' disponibbiltà tal-prodott mediċinali veterinarju fis-suq Ċek.

It-test fih ukoll żbalji evidenti li jista' jkollhom impatt fuq is-sigurtà tal-konsumatur.

Ir-Repubblika Ċeka jiddispjaċiha tesprimi li permezz tal-approvazzjoni ta' dan ir-regolament aħna inkunu qed nitilfu l-opportunità li nissodisfaw il-prinċipji kif kienu oriġinarjament iddikjarati u intenzjonati li jintlaħqu.

Ir-Repubblika Ċeka għalhekk iżżomm il-pożizzjoni mill-COREPER wara t-trilogu (Ġunju 2018) u tastjeni milli tivvota.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja tixtieq tikkummenta kif ġej dwar l-Artikoli 73 sa 81 fil-verżjoni li tinsab fid-dokument preżenti, PE-CONS 45/18:

Id-dokument finali PE-CONS 45/18 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali veterinarji jirrappreżenta eżitu ġenerali essenzjalment ibbilanċjat, li fih intlaħaq qbil dwar ħafna punti importanti. Madankollu, il-Ġermanja tinsab imħassba li fil-farmakoviġilanza għall-prodotti mediċinali veterinarji l-enfasi ssir fuq il-ġestjoni tas-sinjali mwettqa mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni, u d-dispożizzjonijiet li jinsabu fis-seħħ bħalissa ma għandhomx jinżammu. Dan japplika, b'mod partikolari, għal

- it-twaqqif tar-rapporti perijodiċi ta' aġġornamenti dwar is-sigurtà,
- l-estensjoni tal-perijodu permess għar-rappurtar ta' effetti serji mhux mixtieq tal-prodotti mediċinali, u
- in-nuqqas ta' differenzazzjoni fir-rigward tal-grad ta' serjetà ta' effetti mhux mixtieqa tal-prodotti mediċinali.

Billi, madankollu, id-diskussjonijiet wasslu biex jinkiseb titjib b'mod ġenerali, it-tħassib li fadal mill-perspettiva tal-Ġermanja ma jwaqqafniex milli nagħtu l-kunsens tagħna għat-test ta' kompromess finali.

<i>Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 bħala parti mill-Pakkett dwar il-Mediċini Veterinarji</i> Regolament (UE) 2019/5 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 4, 7.1.2019, p. 24-42	44/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
--	-------	------------------------	------------------------------

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tfakkar fil-pożizzjoni tagħha li meta jkunu qed jiġu adattati setgħat mogħtija lill-Kummissjoni eżistenti tal-Artikolu 290 u 291 TFUE, mhijiex teknika leġislattiva xierqa li jiġu previsti dispożizzjonijiet tranżitorji li jiddikjaraw li atti tal-Kummissjoni adottati preċedentement skont dawk is-setgħat mogħtija ser ikomplu japplikaw ħlief jekk jitħassru u sakemm jitħassru. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, dawn id-dispożizzjonijiet jiddikjaraw dak li hu ovvju u ma jkunux koerenti ma' atti leġislattivi oħra u huma responsabbli għall-ħolqien ta' inċertezza legali f'livell iktar mifrux.

Il-Kummissjoni jiddispijaciha li ser tiġi allinjata f'dan l-istrument parti biss mill-proċedura regolatorja eżistenti b'setgħat mogħtija ta' skrutinju fid-Direttiva 2001/83 u fir-Regolament 1901/2006, filwaqt li l-kumpliment tas-setgħat mogħtija jibqgħu iridu jiġu allinjati fil-kuntest tan-negozjati dwar il-proposta tal-allinjament Omnibus (COM(2016) 799). Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-allinjament sħiħ kellu jsir f'wieħed miż-żewġ strumenti.

<i>Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2018</i> Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ĠU C 430, 29.11.2018, p. 1-1	13959/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
<i>Konklużjonijiet dwar ir-Rapport 19/2018 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-infrastruttura għall-ferroviji ta' veloċità kbira (RS Nru 19/2018 tal-QTA)</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 19/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "Netwerk ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja: mhuwiex realtà iżda huwa sistema frammentata u ineffettiva"	14757/18		
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar emendi għat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar emendi għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija	14073/18		

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmu ta' salvagwardja

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jissottomettu informazzjoni u talbiet lill-Kummissjoni b'rabta ma' nuqqas ta' konformità possibbli min-naħa ta' Parti Kontraenti mal-obbligi tagħha skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija (ECT) u li l-Kummissjoni għandha tqis bis-sħiħ din l-informazzjoni u dawn it-talbiet.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ser tikkunsidra tippreżenta proposta adatta għal Deċiżjoni futura tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-protokoll li jikkomplementa d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/500/KE dwar il-konklużjoni tal-ECT.

Il-Kummissjoni tifhem li mekkaniżmu tal-ilmenti għall-Istati Membri ma jeskludix il-possibbiltà li entitajiet privati jinfurmaw direttament lill-Kummissjoni b'nuqqas ta' konformità possibbli minn Parti Kontraenti mal-obbligi tagħha skont l-ECT.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-bażi legali u l-Kumitat Speċjali

Il-Kummissjoni ssostni l-fehma tagħha li l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE jipprovdi bażi legali suffiċjenti għad-Deċiżjoni, mingħajr ma tkun neċessarja xi bażi legali sostantiva. Barra minn hekk, hija tikkunsidra li l-għażla ta' bażi legali sostantiva ma taffettwax ir-regoli ta' votazzjoni tal-Kunsill.

Id-deċiżjoni inkwistjoni ma tikkorrispondi għall-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE. Għaldaqstant, l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 218(8) TFUE jistabbilixxi r-regola proċedurali applikabbli (Ara, b'analoġija, il-Kawża C-687/15).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar ukoll li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti (ara, pereżempju, il-Kawżi C-459/03, paragrafu 94, u C-600/14), l-eżistenza tal-kompetenza esterna tal-Unjoni fir-rigward ta' kompetenza kondiviża, mhix kontinġenti fuq l-adozzjoni ta' miżuri ta' liġi sekondarja li tkopri l-qasam inkwistjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkonferma li l-Kunsill ma jistax jipprevedi, fid-direttivi ta' negozjati tiegħu, li jinħtieġ li l-Kumitat Speċjali jiddefinixxi pożizzjoni komuni jew jistabbilixxi linji gwida, peress li dawn l-istipulazzjonijiet huma bi ksur tal-Artikolu 218(4) TFUE, kif ikkonfermat mill-QĠUE fil-Kawża C-425/13.

Finalment, il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt li d-direttivi ta' negozjati maħruġin mill-Kunsill mhumiex vinkolanti u li l-Kumitat Speċjali għandu funzjoni konsultattiva biss (ara l-Kawża C-425/13, para 88).

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fl-OTIF - Konsultazzjoni bil-miktub ta' Tekniċi Esperti, Novembru 2018</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1875 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi - Dispożizzjonijiet Ġenerali – Subsistemi (UTP GEN-B) u l-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi - Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija (UTP TAF) ĠU L 306, 30.11.2018, p. 50-52	13299/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Komunità tal-Enerġija</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija u fil-Grupp Permanenti ta' Livell Għoli tal-Komunità tal-Enerġija (Skopje, 28-29 ta' Novembru 2018)	14097/18
<i>Regolament dwar kategoriji ġodda ta' għajjnuna mill-Istat orizzontali</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1911 tas-26 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1588 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' Għajjnuna mill-Istat orizzontali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) ĠU L 311, 7.12.2018, p. 8-9	14237/18
<i>Ftehim Emendatorju mal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali - Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1869 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali ĠU L 306, 30.11.2018, p. 1-3	13444/18

<i>Ftehim Emendatorju mal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji - Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1870 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji ĠU L 306, 30.11.2018, p. 4-6	13447/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Norveġja, protezzjoni tad-data</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data	14114/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE (Omnibus II)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1867 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim taż-ŻEE (Omnibus II) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) ĠU L 304, 29.11.2018, p. 29-31	13109/18
<i>Konklużjonijiet dwar ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fil-kuntest tal-kwistjonijiet marbutin mal-migrazzjoni u r-refuġjati</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fil-kuntest tal-kwistjonijiet marbutin mal-migrazzjoni u r-refuġjati ĠU C 441, 7.12.2018, p. 5-10	14837/18

Dikjarazzjoni mill-Greċja

Mindu ġie ppreżentat l-abbozz ta' "Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fil-kuntest tal-migrazzjoni u l-materji tar-refuġjati", il-Greċja kkondividiet b'mod sħiħ l-oġġettivi tiegħu u impenjat ruħha b'mod kostruttiv fid-diskussjonijiet fi ħdan il-Kunsill, sabiex jinkiseb test komprensiv u b'saħħtu, li jistabbilixxi l-linji gwida għall-approvazzjoni ta' politiki ispirati mill-"Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea" u l-valuri Ewropej, u armonizzati magħhom.

Il-Greċja tixtieq tiċċara li huwa biss għall-finijiet ta' kompromess li hija taċċetta t-test fil-forma finali tiegħu u tixtieq tesprimi t-tħassib tagħha dwar id-"dgħajfien" tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill. It-test ma jinkludi ebda referenza speċifika għal migranti żgħażaġh, u lanqas għal persuni li qed ifittxu asil u persuni apolidi. L-esklużjoni ta' dawn it-termini mill-verżjoni finali tat-test tipproduċi Konklużjonijiet li, fil-fehma tagħna, ma tirriflettix b'mod viżibbli r-rieda li jingħata appoġġ lil dawn il-kategoriji ta' żgħażaġh f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Ninsabu ferm iddispijaċuti bin-nuqqas ta' referenzi konkreti għal dawn il-gruppi u li minflok, tintuża l-espressjoni newtrali "ċittadini ta' pajjiżi terzi", li hija wiesgħa wisq u nieqsa minn kontenut politiku.

Il-Greċja temmen, kif ġie espress fi ħdan il-korpi preparatorji tal-Kunsill, li l-messaġġ politiku ma għandux ikun dghajfef, ambigwu u mistur. Fid-dawl tar-riskju li l-impatt politiku ta' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill fid-diskors pubbliku jonqos serjament, il-Greċja titlob lill-istati membri biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom sabiex jappoġġaw bis-sħiħ l-għan maħsub ta' dan it-test politiku.

Rakkomandazzjoni dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' diplomi tal-edukazzjoni oġhla u tal-edukazzjoni sekondarja għolja

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perijodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż
ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1-8

14081/18

Dikjarazzjoni mill-Greċja

Il-Greċja tqis li l-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonossiment reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż hija inizzjattiva f'waqtha li għandha ħafna potenzjal biex tappoġġa l-mobbiltà transfruntiera tal-istudenti. Aħna nikkondividu l-oġettiv politiku ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib u nirrikonossu l-isforzi li saru mill-Presidenza, il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Nappoġġaw ukoll l-approċċ pass pass għat-trawwim ta' trasparenza u l-bini ta' fiduċja bejn l-Istati Membri bħala prerekwiżit importanti għal progress fir-rikonossiment ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, inqisu li huwa meħtieġ li jiġu eżaminati l-politiki għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità Ewropea fl-edukazzjoni għolja transnazzjonali kif ukoll l-isfidi li jirriżultaw minnhom, speċjalment b'rispons għal bidliet reċenti; u li dan isir filwaqt li jiġi rikonossut ir-rwol ta' sistemi nazzjonali fil-preservazzjoni tad-diversità edukattiva, kulturali u soċjali tagħhom fl-Ewropa.

Nixtiequ nissottolinjaw li skont l-Artikolu 165 tat-Trattat tal-UE l-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi huma kwistjonijiet ta' responsabbiltà nazzjonali; konsegwentement, huwa kruċjali għall-Istati Membri li tiġi evitata kwalunkwe diverġenza mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu. It-terminu "awtoritajiet nazzjonali" fid-definizzjoni ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja (HEI) inkluż fir-Rakkomandazzjoni mhuwix definit, u, b'hekk, jippermetti interpretazzjoni doppja: jista' jinftehem li jirreferi għall-awtoritajiet nazzjonali kemm li jibagħtu kif ukoll li jirċievu l-lawrja bbażata fuq ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet edukattivi. Fil-fehma tagħna, dan in-nuqqas ta' ċarezza ma għandux iqajjem dubju dwar ir-responsabbiltà nazzjonali għall-passi ulterjuri biex tiġi implimentata r-Rakkomandazzjoni fit-territorju tal-Istati Membri.

Għandu jiġi nnutat li ma ġiet elaborata jew adottata ebda linja gwida dwar l-assigurazzjoni ta' kwalità u l-akkreditazzjoni ta' lawrji bbażati fuq ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet edukattivi. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014 biss jagħmlu referenza għal din il-kwistjoni, filwaqt li jistiednu lill-Istati Membri biex jipproċedu għal kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiżi li jibagħtu u li jirċievu sabiex tiġi żgurata l-akkreditazzjoni ta' lawrji bbażati fuq ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet edukattivi. Il-Konklużjonijiet jipproponu qafas ġenerali ħafna li jiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u, waħedhom, ma jistgħux jikkostitwixxu l-bażi għal proċedura ta' akkreditazzjoni, minħabba li ma ġewx segwiti minn linja gwida speċifika għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri; dan jagħmel il-kontenut tagħhom inapplikabbli għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, minħabba li fl-aħħar mill-aħħar ma jistax jissalvagwardja l-kwalità tal-lawrji akkreditati.

Sabiex ma jintefax dubju fuq ir-responsabbiltà u l-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet tas-sistemi u l-politika tagħhom tal-edukazzjoni jew ma jsirux konċessjonijiet fir-rigward tal-istatus u l-kwalità tal-lawrji li għandhom jiġi rikonossuti, niċċaraw li fil-fehma tagħna t-terminu "awtoritajiet nazzjonali", inkluż fid-definizzjoni tal-Istituzzjoni tal-Edukazzjoni Għolja, jirreferi għall-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn topera l-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja għall-fini tal-iżgurar tal-kwalità tal-edukazzjoni għolja. Huwa skont din il-fehma li l-Greċja ser timplimenta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonossiment reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż.

L-oġettiv fundamentali wara l-implimentazzjoni b'suċċess tal-assigurazzjoni ta' kwalità fl-edukazzjoni transnazzjonali jibqa' l-kisba ta' aktar kwalità fl-edukazzjoni għolja. Huwa fl-aħjar interess ta' kulħadd li jiġi żgurat li l-edukazzjoni tkompli tiżviluppa għall-benefiċċju taż-żgħażaġh tagħna u l-ġenerazzjonijiet futuri.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkondividi l-oġġettiv politiku ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib għall-faċilitazzjoni tar-rikonoxximent ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni sekondarja għolja u tat-taħriġ u l-eżiti tal-perijodi ta' taġħlim barra mill-pajjiż sabiex jinfetħ l-aċċess għal taġħlim ulterjuri. Dan l-oġġettiv ġie fformulat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta tista' tagħti kontribut importanti għall-implimentazzjoni ta' dan l-oġġettiv.

L-Istati Membri diġà għamlu progress sinifikanti fir-rikonoxximent tal-kwalifiki fi sferi differenti tal-edukazzjoni u qed ikomplu javvanzaw dan il-proċess. Pereżempju, kwistjonijiet ta' rikonoxximent ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja qed jiġu ttrattati permezz ta' kooperazzjoni fil-qafas tal-Proċess ta' Bologna li jestendi lil hinn mill-Komunità. Barra minn hekk, l-Istati Membri qed jikkooperaw fil-livell Ewropew f'oqsma differenti tal-edukazzjoni sabiex jiżguraw it-trasparenza tal-kwalifiki li huma għodod ewlenin li jappoġġaw it-teħid tad-deċiżjonijiet fil-proċeduri ta' rikonoxximent nazzjonali. Il-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki dwar l-Edukazzjoni Għolja fir-Reġjun Ewropew ("il-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent") tal-1997 diġà tipprovdi sett ta' għodod għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki għall-iskop ta' taġħlim ulterjuri.

Ir-Rakkomandazzjoni proposta bbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent hija pass ieħor biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tilqa' l-approċċ differenzjat meħud fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi approċċ fi stadji biex titrawwem it-trasparenza u tinbena l-fiduċja bejn l-Istati Membri fil-kuntest tar-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-edukazzjoni sekondarja u tat-taħriġ. Il-bini tal-fiduċja huwa prerekwiżit importanti biex javvanza r-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-edukazzjoni sekondarja u tat-taħriġ.

Fid-dawl tad-diversità tas-sistemi tal-edukazzjoni tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni ġenerali fl-iskejjel u l-edukazzjoni vokazzjonali, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkritika r-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni sekondarja għolja li jeskludu kompletament l-eżamijiet ta' ekwivalenza. Mill-perspettiva Ġermaniża, l-Istati Membri għandhom b'mod ġenerali jżommu l-possibbiltà li jitwettqu eżamijiet ta' ekwivalenza. Għaldaqstant, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija favur il-possibbiltà li jitwettqu verifiki ta' ekwivalenza f'każijiet debitament iġġustifikati, kif deskritt fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta.

Bħala konklużjoni, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tixtieq tindika r-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut tat-taġħlim u l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u b'hekk ir-responsabbiltà unika taġħhom għall-passi ulterjuri biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 165 TFUE.

<i>Konklużjonijiet dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022 ĠU C 460, 21.12.2018, p. 12-25	SN 14984/18
Dikjarazzjoni mill-Ġermanja Aħna ninterpretaw it-test propost mill-President taħt il-Prijorità E: Relazzjonijiet kulturali internazzjonali / Metodi ta' ħidma għandha tfisser li ser jibqa' jkun possibbli li wieħed jifformula l-istrateġija futura tal-UE għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali bl-involviment tal-korpi tal-Kunsill responsabbli għall-Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni, u b'mod partikolari, tar-rappreżentanti tal-Ministeri għall-Affarijiet Barranin.	
<i>Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali ĠU C 457, 19.12.2018, p. 2-7	SN 14986/18
<i>Konklużjonijiet dwar id-dimensjoni ekonomika tal-isport u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tiegħu</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar id-dimensjoni ekonomika tal-isport u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tiegħu ĠU C 449, 13.12.2018, p. 1-5	14945/18
It-3654 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin/Żvilupp) li saret fi Brussell fid-29 u t-30 ta' Novembru 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
<i>Konklużjonijiet dwar l-Edukazzjoni f'Emerġenzi u Kriżijiet fit-Tul</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni f'emerġenzi u kriżijiet fit-tul	14719/18
<i>Konklużjonijiet dwar ir-rapport tal-2017 dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II fl-2017: it-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE	14551/18
<i>Konklużjonijiet dwar il-Qafas Rivedut tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qafas Rivedut tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali	14553/18

<i>Konklużjonijiet dwar is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni</i> Tisħiħ tas-sigurtà globali tal-ikel u n-nutrizzjoni	14554/18
<i>Regolament dwar il-11-il Regolament Finanzjarju tal-FEŻ</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1-21	13257/18
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-28 ta' Novembru 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1868 tat-28 ta' Novembru 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 304, 29.11.2018, p. 32-34	14463/18
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1863 tat-28 ta' Novembru 2018 li jimplimenta l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 304, 29.11.2018, p. 1-2	14465/18

It-3655 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) li saret fi Brussell fid-29 u t-30 ta' Novembru 2018

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Konklużjonijiet dwar Regolamentazzjoni Aħjar (Rapport Speċjali Nru 16/2018 tal-Qorti tal-Awdituri)</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 16/2018 "Rieżaminar ex post tal-leġislazzjoni tal-UE: sistema stabbilita tajjeb, iżda mhux kompleta"	14137/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE dwar il-CORSIA</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Ħarsien Ambjentali - Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) ĠU L 325, 20.12.2018, p. 25-28	14330/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli mar-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2068 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim ĠU L 331, 28.12.2018, p. 1-3	14365/18

Dikjarazzjoni mid-Danimarka u l-Ġermanja

Id-Danimarka u l-Ġermanja jenfasizzaw l-importanza ta' sħubija ekonomika u politika b'saħħitha bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk.

Id-Danimarka u l-Ġermanja jissottolinjaw l-importanza tal-konformità mad-dritt tal-UE, li d-dritt internazzjonali jista' jiġi kkunsidrat bħala parti integrali minnhom meta wieħed jidħol fi ftehimiet bilaterali. Ħadna nota attenta tal-"Kontribut tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-Ftehim dwar is-Sajd emendat u l-abbozz tal-Protokoll il-ġdid dwar is-Sajd mal-Marokk - kompatibbiltà mal-ġurisprudenza tal-Qorti".

Id-Danimarka u l-Ġermanja konsistentement enfasizzaw li ftehim għandu jkun konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fis-27 ta' Frar 2018 fil-kawża C-266/16. Id-Danimarka u l-Ġermanja jieħdu l-kontenut u l-forma tal-Kontribut bħala evidenza li s-Servizz Legali tal-Kunsill iqis li d-dħul fil-ftehim ippreżentat huwa kompletament konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fis-27 ta' Frar 2018 fil-kawża C-266/16 u ma jippreġudikax l-istatus tas-Saħara tal-Punent.

Id-Danimarka u l-Ġermanja jqisu l-istatus quo fis-Saħara tal-Punent bħala impediment għall-iżvilupp politiku, ekonomiku u soċjali fir-reġjun tal-Magreb. Għaldaqstant id-Danimarka u l-Ġermanja jkomplu jappoġġaw il-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti biex tinstab soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u reċiprokament aċċettabbli għas-Saħara tal-Punent.

Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, id-Danimarka u l-Ġermanja jappoġġaw l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-emenda tal-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll dwar is-Sajd.

Dikjarazzjoni mill-Irlanda

L-Irlanda tenfasizza l-importanza ta' sħubija ekonomika u politika b'saħħitha bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk.

L-Irlanda tissottolinja l-importanza tal-konformità mad-dritt tal-UE, li d-dritt internazzjonali jista' jiġi kkunsidrat bħala parti integrali minnhom meta wieħed jidħol fi ftehimiet bilaterali. Ħadna nota attenta tal-"Kontribut tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-Ftehim dwar is-Sajd emendat u l-abbozz tal-Protokoll il-ġdid dwar is-Sajd mal-Marokk - kompatibbiltà mal-ġurisprudenza tal-Qorti".

L-Irlanda konsistentement enfasizzat li ftehim għandu jkun konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fis-27 ta' Frar 2018 fil-kawża C-266/16. Nieħdu l-kontenut u l-forma tal-Kontribut bħala evidenza li s-Servizz Legali tal-Kunsill iqis li d-dħul fil-ftehim ippreżentat huwa kompletament konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fis-27 ta' Frar 2018 fil-kawża C-266/16 u ma jippreġudikax l-istatus tas-Saħara tal-Punent. L-Irlanda tkompli tappoġġa l-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti biex tinstab soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u reċiprokament aċċettabbli għas-Saħara tal-Punent.

Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, L-Irlanda tappoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-emenda tal-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll dwar is-Sajd.

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja

L-Iżvezja ser tivvota kontra d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk. Meta l-mandat ġie adottat f'April, l-Iżvezja għamlitha ċara li l-appoġġ tal-Iżvezja għal ftehim futur kien jiddependi fuq jekk il-ftehim jirrispettax b'mod sħiħ id-dritt internazzjonali, inkluż is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Is-sentenzi jistabbilixxu li l-implimentazzjoni tal-ftehimiet mal-Marokk li jkopru t-territorju tas-Saħara tal-Punent, u l-ilmijiet li jmissu mat-territorju tiegħu, jenħtieġ li tikseb il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent. L-Iżvezja għamlitha ċara wkoll li fil-mandat, b'"popolazzjonijiet ikkonċernati", aħna fhimna "l-poplu tas-Saħara tal-Punent", f'konformità mas-sentenzi.

L-Iżvezja tiringrazzja lill-istituzzjonijiet tal-UE għall-ħidma sostantiva tagħhom tul in-negozjati, inkluż fit-tmexxija tal-proċess ta' konsultazzjoni. L-Iżvezja tapprezza relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi b'saħħithom bejn l-UE u l-Marokk, u tibqa' tappoġġa l-kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd. L-Iżvezja tafferma mill-ġdid li huwa kruċjali li l-poplu tas-Saħara tal-Punent jagħti l-kunsens tiegħu għall-ftehim. Wara l-valutazzjoni tal-ftehim u tal-proċess imwettaq, l-Iżvezja tinnota li organizzazzjonijiet vitali li jirrappreżentaw lill-poplu tas-Saħara tal-Punent ma tawx il-kunsens tagħhom għall-ftehim. B'hekk, l-Iżvezja tikkonkludi li r-rekwiżiti legali mingħand il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ma ġewx issodisfati, u għaldaqstant ma tistax tapprova l-ftehim.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea

Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawża magħquda C-103/12 u C-165/12 (Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jaqgħu kompletament fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u rrifjutat il-pożizzjoni li deċiżjonijiet ta' dan it-tip jistgħu b'xi mod jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE.

B'rabta mad-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u skambju ta' ittri li jakkumpanja lit-tali Ftehim, il-Kummissjoni tisħaq li, fi kwalunkwe każ, ser ikun hemm bżonn tal-kunsens tal-Parlament Ewropew għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim u ta' dan il-Protokoll u li, għal din ir-raġuni, il-bażi ġuridika sostantiva preċiża tal-Artikolu 43(2) TFUE li hija kienet ipponiet kienet l-iktar waħda adattata.

Madankollu, sabiex tiffaċilita konklużjoni malajr tal-Ftehim u tal-Protokoll maħsubin fiċ-ċirkustanzi prevalenti attwali ta' urġenza, il-Kummissjoni mhix ser topponi compromess tal-Preidenza li, permezz tiegħu, il-bażi ġuridika tinbidel għall-Artikolu 43 TFUE bl-istess proċedura ta' kunsens li trid tiġi applikata skont l-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE.

Dan bl-ebda mod ma għandu jikkostitwixxi preċedent.

<i>Regolament dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli mar-Renju tal-Marokk u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu</i> Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu	14382/18
Dikjarazzjoni mid-Danimarka u l-Ġermanja Id-Danimarka u l-Ġermanja jenfasizzaw l-importanza ta' sħubija ekonomika u politika b'saħħitha bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk. Id-Danimarka u l-Ġermanja jissottolinjaw l-importanza tal-konformità mad-dritt tal-UE, li d-dritt internazzjonali jista' jiġi kkunsidrat bħala parti integrali minnhom meta wieħed jidħol fi ftehimiet bilaterali. Ħadna nota attenta tal-"Kontribut tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-Ftehim dwar is-Sajd emendat u l-abbozz tal-Protokoll il-ġdid dwar is-Sajd mal-Marokk - kompatibbiltà mal-ġurisprudenza tal-Qorti". Id-Danimarka u l-Ġermanja konsistentement enfasizzaw li ftehim għandu jkun konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fis-27 ta' Frar 2018 fil-kawża C-266/16. Id-Danimarka u l-Ġermanja jieħdu l-kontenut u l-forma tal-Kontribut bħala evidenza li s-Servizz Legali tal-Kunsill iqis li d-dħul fil-ftehim ippreżentat huwa kompletament konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fis-27 ta' Frar 2018 fil-kawża C-266/16 u ma jippreġudikax l-istatus tas-Saħara tal-Punent. Id-Danimarka u l-Ġermanja jqisu l-istatus quo fis-Saħara tal-Punent bħala impediment għall-iżvilupp politiku, ekonomiku u soċjali fir-reġjun tal-Magreb. Għaldaqstant, id-Danimarka u l-Ġermanja jkomplu jappoġġaw il-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti biex tinstab soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u reċiprokament aċċettabbli għas-Saħara tal-Punent. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, id-Danimarka u l-Ġermanja jappoġġaw l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-emenda tal-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll dwar is-Sajd.	

Dikjarazzjoni mill-Irlanda

L-Irlanda tenfasizza l-importanza ta' sħubija ekonomika u politika b'saħħitha bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk.

L-Irlanda tissottolinja l-importanza tal-konformità mad-dritt tal-UE, li d-dritt internazzjonali jista' jiġi kkunsidrat bħala parti integrali minnhom meta wieħed jidħol fi ftehimiet bilaterali. Ħadna nota attenta tal-"Kontribut tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-Ftehim dwar is-Sajd emendat u l-abbozz tal-Protokoll il-ġdid dwar is-Sajd mal-Marokk - kompatibbiltà mal-ġurisprudenza tal-Qorti".

L-Irlanda konsistentement enfasizzat li ftehim għandu jkun konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fis-27 ta' Frar 2018 fil-kawża C-266/16. Nieħdu l-kontenut u l-forma tal-Kontribut bħala evidenza li s-Servizz Legali tal-Kunsill iqis li d-dħul fil-ftehim ippreżentat huwa kompletament konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fis-27 ta' Frar 2018 fil-kawża C-266/16 u ma jippreġudikax l-istatus tas-Saħara tal-Punent. L-Irlanda tkompli tappoġġa l-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti biex tinstab soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u reċiprokament aċċettabbli għas-Saħara tal-Punent.

Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-Irlanda tappoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-emenda tal-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll dwar is-Sajd.

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja

L-Iżvezja ser tivvota kontra d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk. Meta l-mandat ġie adottat f'April, l-Iżvezja għamlitha ċara li l-appoġġ tal-Iżvezja għal ftehim futur kien jiddependi fuq jekk il-ftehim jirrispettax b'mod sħiħ id-dritt internazzjonali, inkluż is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Is-sentenzi jistabbilixxu li l-implimentazzjoni tal-ftehimiet mal-Marokk li jkopru t-territorju tas-Saħara tal-Punent, u l-ilmijiet li jmissu mat-territorju tiegħu, jenħtieġ li tikseb il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent. L-Iżvezja għamlitha ċara wkoll li fil-mandat, b'"popolazzjonijiet ikkonċernati", aħna fhimna "l-poplu tas-Saħara tal-Punent", f'konformità mas-sentenzi.

L-Iżvezja tiringrazzja lill-istituzzjonijiet tal-UE għall-ħidma sostantiva tagħhom tul in-negozjati, inkluż fit-tmexxija tal-proċess ta' konsultazzjoni. L-Iżvezja tapprezza relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi b'saħħithom bejn l-UE u l-Marokk, u tibqa' tappoġġa l-kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd. L-Iżvezja tafferma mill-ġdid li huwa kruċjali li l-poplu tas-Saħara tal-Punent jagħti l-kunsens tiegħu għall-ftehim. Wara l-valutazzjoni tal-ftehim u tal-proċess imwettaq, l-Iżvezja tinnota li organizzazzjonijiet vitali li jirrappreżentaw lill-poplu tas-Saħara tal-Punent ma tawx il-kunsens tagħhom għall-ftehim. B'hekk, l-Iżvezja tikkonkludi li r-rekwiżiti legali mingħand il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ma ġewx issodisfati, u għaldaqstant ma tistax tapprova l-ftehim.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea

Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawża magħquda C-103/12 u C-165/12 (Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jaqgħu kompletament fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u rrifjutat il-pożizzjoni li deċiżjonijiet ta' dan it-tip jistgħu b'xi mod jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE.

B'rabta mad-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u skambju ta' ittri li jakkumpanja lit-tali Ftehim, il-Kummissjoni tisħaq li, fi kwalunkwe każ, ser ikun hemm bżonn tal-kunsens tal-Parlament Ewropew għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim u ta' dan il-Protokoll u li, għal din ir-raġuni, il-bażi ġuridika sostantiva preċiża tal-Artikolu 43(2) TFUE li hija kienet ipproponiet kienet l-iktar waħda adattata.

Madankollu, sabiex tiffaċilita konklużjoni ta' malajr tal-Ftehim u tal-Protokoll maħsubin fiċ-ċirkustanzi prevalenti attwali ta' urġenza, il-Kummissjoni mhix ser topponi kompromess tal-Presidenza li, permezz tiegħu, il-bażi ġuridika tinbidel għall-Artikolu 43 TFUE bl-istess proċedura ta' kunsens li trid tiġi applikata skont l-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE.

Dan bl-ebda mod ma għandu jikkostitwixxi preċedent.

Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1890 tad-29 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-awdituri esterni ta' De Nederlandsche Bank
ĠU L 309, 5.12.2018, p. 3-4

13805/18

Deċiżjoni tal-Kunsill fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2059 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 329, 27.12.2018, p. 13-19

13114/18

<i>Konklużjonijiet dwar Strateġija futura għall-Politika Industrijali tal-UE</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Strateġija futura għall-Politika Industrijali tal-UE"	14832/18
<i>Konklużjonijiet dwar il-Governanza taż-Żona Ewropea tar-Riċerka</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-"Governanza taż-Żona Ewropea tar-Riċerka"	14989/18
